MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 82/2011

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**ALEXANDER GATT**

**Illum 29 ta' Frar 2012**

**Kaz Numru 82/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Alexander Gatt ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, iben Paul u Rita nee' Schembri, imwieled Pieta', Malta, nhar is-7 ta' Settembru 1986, residenti fil-fond Nru.75, Triq il-Polverista, Bormla, Malta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru

407486(M), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Marzu 2011, gewwa Triq Xandriku, Nadur Ghawdex;

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri l-ammont ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47), izda ma tiskorrix l-ammont ta' elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) u dan ghad-detriment ta' Carmela Attard u persuni ohra (Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, fit-2 ta' Settembru 2011, l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat dokument "FT 6" minn liema jirrizulta li l-imputat hallas lill-kwerelanta Carmela Attard is-somma ta' mitejn u disghin Euro ((€ 290.00) u rat li fis-seduta tallum l-imputat hallas il-bilanc ta' erba' mija u sebghin Euro (€ 470.00) lill-istess kwerelanta.

Semghet lill-kwerelanta Carmela Attard tiddikjara illi l-ammont dovut lilha mill-imputat in rapprezentanza tal-hsarat kagunati minnu gie saldat fl-intier tieghu.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li hu kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni bikrija tal-imputat, in-natura tar-reat migjuba fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-kwerelanta thallset mill-imputat ghall-hsarat kagunati minnu u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------